# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tlieta, 23 ta' Novembru 2021**

**Talba numru 3/2020SFJ**

**CHARLES CALLEJA**
(200654M)

**vs.**

**CHARLO FARRUGIA**
(394077M)

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fl-10 ta' Jannar 2020 li permezz tiegħu l-attur espona u talab:

> *"Ir-rikorrenti qiegħed jitlob li dan l-Onorabbli Tribunal jordna lill-intimat iħallsu u jirrifondi lir-rikorrent is-somma ta' tlett elef, ħames mija u disgħa u tletin Ewro u tlieta u erbgħin ċenteżmu (€3,539.43) rappreżentanti l-bilanċ dovut lir-rikorrenti bħala rifużjoni ta' ħlasijiet imwettqa mir-rikorrent lill-intimat akkont ta' xogħol ta' appalt li l-intimat ma esegwiex u dan bi ksur tal-pattijiet u l-kundizzjonijiet miftiehma bejn il-partijiet, jekk kif ser jirriżulta ampjament mit-trattazzjoni ta' dawn il-proċeduri.*
>
> *Bl-ispejjeż, inkluż tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li qiegħed jiġi ppreżentat kontestwalment ma' dawn il-proċeduri, u bl-imgħax mid-data ta' dan l-avviż sad-data tal-effettiv pagament kontra l-intimat li huwa minn issa nġunt in subizzjoni."*

Ra li kif jidher mir-riferta relattiva (fol. 7), il-konvenut ġie innotifikat fl-24 ta' Jannar 2020.

Ra li l-konvenut ippreżenta Risposta b'Kontro-talba fil-11 ta' Marzu 2020.

Ra li kif jidher mill-verbal tal-udjenza tal-11 ta' Marzu 2020 (fol. 13), it-Tribunal ġie nfurmat mill-avukat tal-attur li "*jidher li r-Risposta tal-konvenut hija fuori termine.*"

Ra li l-kawża tħalliet għal digriet kamerali.

Ra li fl-udjenza tat-22 ta' Ġunju 2020, l-avukat tal-attur talab li r-Risposta tkun sfilzata stante li ġiet ippreżentata tardivament.

Ra d-digriet tat-12 ta' Jannar 2021 (fol. 35 *et seq.*) li bih ordna l-isfilz tar-Risposta u l-Kontro-talba.

Sema' ix-xhieda kollha, qara d-dokumentazzjoni kollha ippreżentata u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għat-23 ta' Novembru 2021.

**<u>Provi mressqa u konsiderazzjonijiet tat-Tribunal</u>**

L-attur xehed li kien qiegħed jibni dar fi Triq il-Baħar l-Iswed, San Ġiljan, u kien kellem lill-konvenut u lil missieru dwar xogħolijiet pendenti li kien baqa' li jsiru fid-dar inkwistjoni. Qal li l-konvenut talab elfejn Ewro biex jibda x-xogħolijiet pendenti u dan sempliċement bagħat ftit ġebel iżda ma mar qatt. Qal li l-konvenut talbu elfejn Ewro oħra għax kien ser jibgħat xi nies jagħmlu x-xogħol inkwistjoni, iżda qatt ma sar xejn. Il-konvenut imbagħad ikkoreġa ruħu u qal li kien ġie missier il-konvenut jagħmel xi xogħol u l-attur saħansitra krielhom krejn (spejjeż tal-attur) u għamel xi ftit xogħol. Qal li sa dakinhar li xehed (9 ta' Frar 2021), il-konvenut ħalla magna hemm kif ukoll xi ġebel. L-attur qal li kellu jqabbad lil ħaddieħor biex ix-xogħol ikompli. L-erbat elef Ewro ngħataw f'żewġ ċekkijiet separati u nżammu mill-konvenut. L-attur spjega li permezz ta' din il-kawża, kien qiegħed jitlob flusu lura, oltre l-ispejjeż tal-kawża.

Xehdet Jeanette Lepre, rappreżentant ta' Lombard Bank Malta plc, li wara li ġiet eżentata mis-sigriet professjonali, qalet:

- Li ċ-ċekk numru 23 nħareġ minn Kalira Property Developments lil Charlo Farrugia u ġie msarraf fl-4 ta' Marzu 2019; u

- Li ċ-ċekk numru 25 inħareġ minn Kalira Property Developments lil Charlo Farrugia u ġie msarraf fl-20 ta' Marzu 2019.

It-Tribunal ra li skont l-Art. 9(2)(b) tal-Kap. 380 tal-Liġijiet ta' Malta, huwa "*għandu jitgħarraf b'kull mod li jista' jidhirlu xieraq*". In segwitu ta' dan, it-Tribunal fittex huwa stess fid-*database* tal-Malta Business Registry u jgħid ċar li ma sab ebda kumpanija bl-isem "Kalira Property Developments".

Fl-udjenza tat-2 ta' Lulju 2021 xehed il-Perit Kurt Meilak. Dan spjega li hu kien intalab ikejjel l-ammont u l-valur tax-xogħol imwettaq mill-kuntrattur Charlo Farrugia u rriżulta li l-konvenut laħaq wettaq biss xogħol ammontanti għall-valur ta' €460.57 (*VAT* inkluż). Huwa ppreżenta d-dokument KM1 li jikkonferma dan.

Fl-udjenza tat-28 ta' Settembru 2021 xehed l-attur riprodott in eżami li spjega li s-somma mitluba minnu f'din il-kawża kienet essenzjalment is-somma indikata mill-Perit Meilak imnaqqsa mill-erbat elef Ewro mħallsin diġà lill-kuntrattur (€4,000 - €460.57 = **€3,539.43**).

It-Tribunal jgħid qabelxejn li l-kwistjoni rigwardanti l-isfilz tar-Risposta u l-Kontro-talba tal-konvenut ġiet spjegata fid-digriet li jinsab a fol. 35 *et seq.* tal-proċess u għalhekk mhuwiex se jinoltra ruħu dwarha.

Inkwantu għall-provi mressqa, it-Tribunal josserva li l-ammont mitlub mill-attur ġie ben spjegat u ppruvat sal-punt li t-Tribunal m'għandu ebda raġuni valida sabiex jiddubita l-verżjoni vantata mill-attur.

**Deċide**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi:

i. Jikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attur is-somma ta' tlett elef, ħames mija u disgħa u tletin Ewro u tlieta u erbgħin ċenteżmu (€3,539.43)

ii. Jiċħad il-parti tal-Avviż tat-Talba fejn intalbu l-ispejjeż ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju stante li ma tressqet ebda prova tal-eżistenza ta' tali mandat; u

iii. Jordna li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenut.

**Avv. Juliana Scerri Ferrante**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**